MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 486/2011

**Margaret D'Amato**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-16 ta' Mejju 2011 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

Illi hija ġiet ammessa għall-benefiċċju tal-għajnuna legali skond l-inkartament hawn anness Dok 1.

Illi r-rikorrenti hija l-werrieta ta' ħuha Leonard Polidano li miet fis-27 ta' Lulju 2010 u dan skond testment datat 28 ta' Lulju 2005 in atti Nutar Ian Castaldi Paris, hawn anness bħala Dok A.

Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid u tal-mewt tal-imsemmi Leonard Polidano (kopja tal-istess qegħdin jiġu hawn annessi bħala Dok B u Dok C rispettivament) jeżistu żbalji fis-sens illi kunjom xbubit omm id-decuius ġiet erronjament indikata bħala 'Savona' mentri kull darba kellha tkun 'Seguna' u dan hekk kif jirriżulta sia miċ-ċertifikati tat-twelid u tal-mewt tal-istess omm id-*decuius*, li jisimha Riccarda *sive* Ludgarda Polidano nee' Seguna (kopji tal-istess ċertifikati qed jiġu hawn annessi bħala Dok D u Dok E rispettivament, u kif ukoll miċ-ċertifikat tal-magħmudija tal-Knisja tal-istess *decuius* mnejn jirriżulta b'mod ċar li kunjom xbubit ommu huwa 'Seguna' (kopja taċ-ċertifikat tal-magħmudija qed jiġi hawn anness bħala Dok F).

Illi l-esponenti ġia pproċediet quddiem il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili biex titlob il-korrezzjoni għal dan l-iżball, liema talba pero' ġiet lilha miċħuda fuq bażi ta' inkompetenza ta' din il-Qorti li tieħu konjizzjoni tat-talba in kwistjoni (*vide* Dok G)

Illi jeħtieġ li jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa fiċ-ċertifikati tat-twelid u tal-mewt tal-istess Leonard Polidano reġistrati mill-intimat.

Illi għalhekk kellu jiġi ntavolat dan ir-rikors ġuramentat.

Għaldaqstant ir-rikorrenti qegħda, għar-raġunijiet fuq imsemmija, bil-qima titlob illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa w opportuna, illi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi fiċ-ċertifikati tat-twelid u tal-mewt tal-imsemmi Leonard Polidano (esebiti bħala Dok B u Dok C) jeżistu żbalji fis-sens illi kunjom xbubit omm id-*decuius* ġiet erronjament indikata bħala 'Savona' mentri kull darba kellha tkun 'Seguna'.

2. Tordna għalhekk id-debita korrezzjoni fl-imsemmija ċertifikati tat-twelid u tal-mewt tal-imsemmi Leonard Polidano.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li hu minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pibbliku, ippreżentata fl-20 ta' Ġunju 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gażżetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi it-talbiet rigwardanti l-att ta' twelid ta' ħu r-rikorrenti Leonard Polidano li jġib in-numru 7193/1954 huma nsostenibbli u dan peress li fl-imsemmi att ma hemmx indikat kunjom xbubit l-omm Ludgarda. Difatti, taħt il-kolonna **"<u>isem u kunjom</u>"**, l-imsemmija Ludgarda qiegħda mniżżla biss bħala '**<u>Ludgarda *wife of the said* Eugenio Polidano</u>**.' *Se mai*, ir-rikorrenti għandha titlob korrezzjoni fil-kunjom tal-missier ta' omm ħu r-rikorrenti, u ċjoe' John-Mary fejn fl-imsemmi att tat-twelid qiegħed indikat bħala Savona.

Illi a rigward it-talbiet konċernanti l-att tal-mewt ta' ħu r-rikorrenti Leonard Polidano li jġib in-numru 1676/2010, l-esponenti qiegħed jirrimetti ruħu għad diskrezzjoni prudenzjali ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li huwa m'għandux jinżamm responsabbli ta' din l-inkorrezzjoni. Dan *stante* li kif jitnissel minn Dok. A mehmuż mar-risposta ġuramentata, kien ċertu Anthony Farrugia (K.I. 544151M) id-dikjarant li bil-firma tiegħu ċċertifika l-korrezzjoni tal-informazzjoni u d-dettalji ta' ħu r-rikorrenti li ġew murija lilu u li sussegwentament tniżżlu fiċ-ċertifikat tal-mewt ta' Eugenio Polidano.

Illi għaldaqstant, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandux jiġi akkollat bl-ispejjeż tal-proċeduri istanti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavit ;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tad-9 ta' Dicermbru 2011 il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi din it-talba pero' hija kemxejn insolita peress li l-attriċi qed titlob korrezzjoni tal-att tat-twelid u tal-mewt ta' ħuha Leonard Polidano li tiegħu hija eredi minħabba li qed tallega li hemm żball fejn jirrigwardja kunjom ommu li għandu jitniżżel bħala **Seguna** u mhux **Savona**. Kuntrarjament għal dak li qed jeċċepixxi l-konvenut anke fl-att tat-twelid esebit hemm indikat il-kunjom in kwistjoni. Mid-dokumenti esebiti ma hemmx dubju li t-talba attriċi hija ġustifikata; naturalment pero' l-iżball ma sarx mill-konvenut iżda minn min tah id-dettalji u allura l-istess konvenut m'għandux jigi akkollat spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attrici.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------